**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 28 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 18

19.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmintax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

19.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

19.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Is-Sur Dalli avża kif il-kunsill għandu bżonn jibda jaħseb biex isib sede ġdida għall-uffiċċini fejn jista jopera. Huwa ssuġġerixxa li l-kunsill għandu joħroġ avviż lir-residenti, biex jekk hemm xi ħadd li għandu xi binja u nteressat jtiha lil kunsill kemm bi bejgħ jew kiri, għandu jagħmel kuntatt mal-kunsill minnufih. Rigward dan huwa qal li kkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv fejn is-Segretarju Eżekuttiv diġa talbet bil-miktub għal parir tad-dipartiment tal-gvern lokali f'dan ir-rigward. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li hemm *masionette groundfloor* fejn it-torri reġa qiegħed għal kiri.

19.3.2 Is-Sindku tkellem fuq PA nru 07986/19, no 17 Mattina, Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Fernand Gregh billi qal li din l-applikazzjoni ġiet irrifjutatha mill-bord tal-evalwazzjoni.

19.3.3 Is-Sindku tkellem ukoll fuq PA nru 00170/19, 16 Triq Merino, billi qal kif l-appell ta' deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni għadu ma ttieħidtx għaliex din l-applikazzjoni ġiet deferita għas- 26 ta' Novemberu 2020.

19.3.4 Is-Sur Dalli ta' *update* fuq l-inizjattiva ta' *green wall* fi Triq Antonio Azzopardi li ġiet approvatha fis-seduta preċedenti. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv huwa ltaqa ma' diriġenti ta' kumpanija li jaħdmu f'dan il-qasam u talab għall-idea tagħhom dwar dan il-proġett, mingħajr ma kkometta ruħu ghax ovvjament dan l-ewwel kieku trid toħroġ sejħa pubblika. Dawn id-diriġenti ħarġu b'ħafna ideat u se jagħtu lil kunsill *brief* biex ikollu idea ta' x'inhu dan il-kunċett ta' *green wall* u ukoll gwida ta' kif għandha tinħadem is-sejħa pubblika għal dan il-proġett, peress li din l-inizjattiva hija waħda ġdida għal pajjizna.

19.3.5 Is-sur Dalli qal li l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill għat-tieni darba għal fondi fuq il-ħitan tas-sejjieħ ġiet rrifjutatha u ser jitlob lil-Perit biex jagħti rapport għaliex ġiet rifjutata flimkien mal-lista ta' mertu.

19.3.6 Is-Sindku ta *update* fuq il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ billi qal kif dan il-proġett beda l-ġimgħa l-oħra minn quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Mirakli. S'issa il-kuntrattur miexi tajjeb ħafna bix-xogħlijiet.

19.3.7.1 Is-Sur Dalli qal kif il-ġimgħa l-oħra wkoll, inqatgħet is-sentenza tal-kawża pendenti li kien hemm involut fiha l-Kunsill Lokali tal-2012, dwar meta kien qed isir ix-xogħol fi Triq A.Preca u sfortunatament il-kunsill ġie kkundannat iħallas is-somma ta' EUR 6,300. Fl-email li rċieva l-kunsill mingħand l-Avukat, hemm indikazzjoni ċara li fl-opinjoni professjonali tiegħu m'hemmx lok ghal-appell mis-sentenza. Sadanittant is-sindku qal kif flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jindaga dwar l-andament ta' *insurance* li kellu l-Kunsill Lokali u l-validita ta' l-istess polza.

19.3.7.2 Is-Sindku qal ukoll kif huwa ġie avviċinat mill-Perit tal-Kunsill ta' dak iż-żmien, li kien il-Perit Rizzo Naudi fejn huwa qed jikkunsidra li jappella mis-sentenza. Il-Perit Rizzo Naudi jixtieq jiltaqa ma l-Avukat il-ġdid tiegħu fil-preżenza tagħna t-tnejn bħala raprezentanti legali tal-Kunsill Lokali ta' dak iż-żmien. Is-Sur Dalli qal li huwa ser jiġi lura dejjem quddiem il-kunsill kollu biex jiddeċiedi l-andament tal-process finali fil-futur.

19.3.8 Is-Sindku nforma lil kunsilliera kif il-kunsill qed jitlef ħafna enerġija, riżorsi umani u ħin biex jiġu trattati ilmenti rigward xogħolijiet li qed isiru minn IM, ta' ħafna residenti li joqgħodu kemm fi Triq Sir Ugo Mifsud u kif ukoll fi Triq A.Preca. Huwa reġġħa poġġa fuq il-mejda l-aħħar verżjoni tal-pjanta kif hija pjanata li tiġi Triq Sir Ugo Mifsud. Il-pjanta finali ta' triq A. Preca għadha ma waslitx.

19.3.9 Is-Sur Dalli għarraf lil kunsilliera kif ir-Reġjun approva l-proposti tal-kunsill dwar il-EUR 5,000 biex jitjieb id-dwal fil-Ġnien Rikreattiv u l-EUR 5,000 l-oħra għal-Festival taċ-ċitru.

19.3.10 Is-Sindku spjega kif ftit tal-ġimgħat ilu għamel kuntatt miegħu resident li joqgħod Triq Massimiliano Debono fejn dan ir-resident stqarr li qed jidħollu l-ilma ġol-garaxx tiegħu li qiegħed *semi-basement.* Propja din il-ġimgħa stess is-Sur Dalli kompla jgħid li huwa għamel żjara fuq il- post għaliex dan ir-resident qal li ilu joġġezzjona mal-Kunsill Lokali sa mis-sena 2012 meta ġara l-inċident imsemmi fil-qorti. Għalhekk is-Sur Dalli talab lil kunsilliera biex jiltaqgħa mal-Perit tal-kunsill flimkien mar-resident biex din il-problema tissolva darba għal dejjem. Jekk il-perit jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex titranġa il-bankina din it-tiwsija għandha issir malajr kemm jista jkun ħalli dan ir-resident ma jkollux aktar problemi ta' dħul ta' ilma fil-garaxx tiegħu.

19.3.11 Is-sur Dalli qal ukoll kif il-Ministru ħabbar li ser tinħareġ skema ta' fondi relatati mal-proġett Slow streets. Huwa talab lil kunsilliera biex jibdew jaħsbu dwar xi proġetti li huma tal-idea li jistgħu jitwettqu fir-raħal. Jistgħu jibgħatu l-ideat tagħhom bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv.

19.3.12 Is-Sur Dalli qal kif il-fanal ġdid li kien tweħħel fi Triq Preziosi fl-aħħar ġie mqabbad minn naħa ta' Enemalta u suppost ser jixgħel aktar tard bil-lejl.

## 19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kien hemmx.

## 19.5 Korrispondenza

19.5.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza nru 0532/20 fejn qal lil kunsilliera kif il-kunsill qed jieħu l-ismijiet tan-nies li huma *housebound* għat-tilqima tal-influenza. Huwa qal kif il-kunsill qed jiġbor din l-informazzjoni sat-30 ta' Settembru u għalhekk jekk hemm xi kunsilliera li jafu b'xi residenti *housebound* u li jixtiequ jieħdu din it-tilqima jinfurmahom. Rigward it-tilqima għal nies li mhux meqjusa *housebound,* il-kunsill għadt m'għandux informazzjoni dwar x'proċedura ser tiġi addottata.

19.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija dwar korrispondenza nru 0534/20 , fejn xtaqet tkun taf din il-korrispondenza dwar xiex titratta. Is-Sindku nfurmaha kif fi Triq Ġeraldu Azzopardi hemm *reserved parking bay* u l-persuna li kienet applikat għal din il-*bay* issa mietet u għalhekk il-kunsill staqsa lil TM biex jikkonferma dan ħalli filkas din il-*bay* titneħħa.

19.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq korrispondenza nru 0539/20- '*Diversion*'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li kif diġa taf hija stess dik il-korrispondenza hija mibgħutha minn TM dwar id-*diversion* ta' tal-linja fi Triq Annibale Preca minħabba x-xogħlijiet li qed jsiru ta' IM. Is-Sinjorina Lorraine Farrguia qalet kif dik id-*diversion* qiegħda ħazin u s-sindku qabel magħha. Din l-informazzjoni diġa ġiet ikkomunikata ma' TM u l-*public transport* pero s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li tibgħat imejl oħra dwar dan. Waqt dan il-punt is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif tajjeb li kieku f'din l-akwata fejn qed issir id-*diversion* u kif jitlesta ix-xogħol ta' IM teħel *camera* fil-post biex jiġi monitored kif jgħaddi t-traffiku. Hija qalet kif il-kunsill jista jadotta s-sistema ta' *camera roaming van* kif għandha informazzjoni li kien għamel il-kunsill ta' B'kara. Is-Sindku qal kif dik hija xi ħaġa privata.

19.5.4 Il-Kunsill is-Sur Zahra staqsa fuq korrispondenza nru 0552/20 '*Pink October Campaign'*. Is-Sindku nfurmah li l-kunsill ser jixgħel il-binja tal-kunsill roża għax-xahar ta' Ottubru bħala *awareness* u sapport ta' din il-kampanja.

19.5.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif baqa il-kunsill fuq il-kwistjoni tal-ħamiem billi għamlet referenza għal korrispondenza nru 0558/20. Is-Sindku wieġeb kif dik il-korrispondenza kienet xi ħaġa privata fejn resident irrapporta lil resident ieħor li dan qed jitma lil ħamiem fil-ġardina tiegħu. Il-Kunsill ma jista jgħid xejn lil dan ir-resident li qed jitma lil ħamiem mill-ġardina għax din hija propjeta privata tiegħu u dan ir-resident li jista jagħmel huwa jirraporta lil pulizija. Dwar il-kwistjoni tal-ħamiem is-Sindku kompla jgħid kif avviċinatu kopja u lesta tgħin lil kunsill finanzjarjament biex jitweħlu *spikes* mal-mitħna għax fil-Mitħna jpoġġu l-ħamiem. Is-Sinjorina Lorraine

Farrugia qalet li nfatti fil-passat ħaddiem tal-kunsill mat-twieqi tal-Mitħna kien installa qishom slaleb biex igerxu lil ħamiem.

19.5.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet rimarka dwar korrispondenza nru 0570/20 ' CNN361/20'. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif dik kienet imejl mibgħutha mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ilment li ġie rrappurtat għandhom fuq siġra fi Triq Ġeraldu Azzopardi li tista tkun perikoluża. Il-Kunsill diġa wieġeb lid-dipartiment dwar dan il-każ, li inzerta kien wieħed privat u r-resident ikkonċernat ħa ħsieb jiżbor din is-siġra kif suppost.

19.5.7 Il-Kunsillier Ċini xtaqt ikun jaf x'inhi korrispondena nru 0581/20 – '*Rubbish*'. Is-Sindku nfurmah kif hemm resident fi Triq Preziosi Sqaq nru 2 li qed joħroġ l-iskart mhux kif suppost isir skond l-iskeda. Huwa qallu kif dan l-ilment il-kunsill qed jieħu ħsiebu bi kawtela biex dan ir-resident ma jibqax joħroġ skart ħazin li ma jkunx fil-ġurnata tiegħu.

## 19.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

19.6.1.1 Tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċini tal-kunsill (ħinijiet tax-xitwa)

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif mill-1 ta' Ottubru, l-kunsill ser jerġa jibda jopera ġurnata sħiħa, bil-ħinijet tax-xitwa. Hija qalet kif normalment l-uffiċċju jopera mis-7:30am sal-4:00pm pero ressqet ukoll proposta biex minħabba s-sitwazzjoni tal-covid, li sfortunatament sejra għall-agħar, l-uffiċċju jibda jiftaħ għall-pubbliku mit-8:00am sas-2:00pm biss. Hija qalet kif rigward din it-talba diġa kkonsultat mas-sindku.

19.6.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel fuq din il-proposta u ta l-approvazzjoni lis-sinjorina Borg biex tieħu ħsieb isir li jkun hemm bżonn ħalli tiġi salvagwardjatha s-saħħa ta' kulħadd speċjalment tal-impjegati.

19.6.2.1 Skema SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' proġetti kapitali – Aċċessibilta' u mobilita'

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill skema ta' finanzjament relatata ma' aċċessibilta' u mobilita'. Hija qalet kif is-sindku kien diġa semma din l-iskema fil-laqgħa preċedenti u jekk għadhu nteressat il-kunsill għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sal-aħħar ta' Ottubru 2020.

19.6.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut ta' din l-iskema u infurmat lil kunsilliera bit-tipi ta' proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond. Wara dan hija kompliet tgħid kif din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skond il-marki allokati mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Hija rrimarkat ukoll kif il-proġett li bi ħsiebu jwettaq l-kunsill irid jitlesta sal-Ġimgħa 12 ta' Novembru 2021.

19.6.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif il-kunsill jista jieħu l-inizjattiva li jsir trasport għar-resident. Is-Sindku qal kif din hija xi ħaġa li qed jieħu ħsiebha il-gvern. IS-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif il-kunsill jista anke jagħmel użu mis-servizz tat-TUK TUK.

19.6.2.4 Il-Kunsillier Zahra qal kif il-kunsill jista jikkunsidra li ssir rampa fi Triq il-Mosta għal benefiċċju tan-nies li huma *wheel chair bound* peress li naħa minnhom ma hemmx biżejjed aċċessibilta'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dik hija triq arterjali li ma taqax taħt ir-responsabbilta tal-kunsill u s-sindku qal kif fil-jiem li għaddew beda komunikat ma' TM biex jgħin lil kunsill bi aktar sigurta f'din it-triq bħal eżempju jitweħlu *protective bollards* etc minħabba l-inċident riċenti li sar fuq iċ-ċimiterju. Jekk filkas il-provediment ta' aktar rampi fit-triq jista jiġi mgħoddi għall-attenzjoni ta' TM.

19.6.2.5 Id-diskussjoni tkompliet, pero finalment il-Kunsill unanimament qabel li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal *outdoor gym* u *equipment* sportiv fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tissottometti din l-applikazzjoni.

19.6.3.1 Parteċipazzjoni fil-*waste reduction week* (21-29 ta' Novembru 2020)

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl mingħand wasteserv rigward il-*waste reduction week* għas-sena 2020, li hija ppjanata ssir bejn l-21 u d-29 ta' Novembru 2020. Kopja ta' din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

19.6.3.2 Fuq bażi tal-impatt li l-kunsill kellu mill-*waste reduction week* tas-sena 2019, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qed jissuġġerrixxu li għas-sena 2020 l-kunsill lokali ma jikkommettix ruħu biex jipparteċipa.

19.6.3.3 Il-Kunsill kollu unanimament qabel dwar dan.

19.6.4.1 <u>Talba għal mera fi Triq it-Tabor</u>
Resident avviċina lis-sindku b'talba biex issir mera fi Triq it-Tabor.

19.6.4.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u għandha tintbgħat applikazzjoni għal din il-mera għall-approvazzjoni ta' TM.

19.6.5.1 <u>Ilment fi Triq il-Forn Sqaq nru 1</u>
Is-Sindku ressaq ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Forn Sqaq nru 1. Huwa spjega dan l-ilment fid-dettal fuq bażi ta' ittra li huwa għandu spjegatha mingħand ir-resident li ressaq l-ilment.

19.6.5.2 Wara l-ispjegazzjoni li ngħatat mis-sindku, il-kunsill unanimament qabel kif għandha issir konsultazzjoni ma' TM dwar dan il-każ.

**Il-Ħin kien propju 4:40pm fejn is-Sinjorina Lorraine Farrugia talbet biex tkun skużata. Pero qabel hija ħarġet mill-kamra ressqet żewġ proposti fuq il-mejda, li l-kontenut tagħhom tniżżel aktar l-isfel qabel it-tmiem tal-laqgħa.**

## 19.7 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ma kien hemm xejn ġdid. Hija għarfet biss lil kunsilliera kif applikazzjoni nru 07986/19, no 17 Mattina, Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Fernand Gregh ġiet irrifjutatha mill-bord nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2020. Preżenti waqt din l-evalwazzjoni kien hemm it-*town planner* tal-kunsill, is-Sindku Anthony Dalli u l-*minority leader* Lorraine Farrugia. Is-Sinjorina Borg qalet ukoll kif nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020 kellu jkompli jinstema ukoll il-każ ta' 16, Merino str, applikazzjoni nru 00170/19, pero din l-applikazzjoni ġiet deferita għas-26 ta' Novembru 2020.

## 19.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.8.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

19.8.2 Qabel ħarġet mill-kamra fi 4:40pm, is-Sinjorina Lorraine Farrugia ndirizzat lis-sindku fejn qaltlu biex jerġa isir ir-*refreshing* tal-linja tan-nofs bajda fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għax peress li din ġiet *faded* mhux il-vetturi kollha qed iżommu man-naħa tagħhom kif suppost. Is-Sindku wieġeb kif dik il-linja għadha ma ġietx *refreshed* għaliex biex issir din il-linja trid tingħalaq it-triq biex ma jkunx hemm periklu għal ħaddiema u vetturi li jkunu għaddejjin. Din il-biċċa xogħol ser tiżdied mal-lista ta' xogħlijiet pendenti alissa u ssir aktar il-quddiem fil-futur.

19.8.3 Rimarka oħra li għamlet is-sinjorina Lorraine Farrugia kienet biex jitweħlu ħafna tabelli tal-klieb fl-akwata ta' Tal-Mirakli u kif ukoll fl-akwata taċ-ċnus għaliex l-ammont ta' ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm f'dawn l-akwati huwa wieħed kbir ħafna.

19.8.4 Is-Sindku qal kif riċentament talab lil kuntrattur tal-knis u ndafa biex jtih stima ta' tindif għall-akwata bejn Triq Salvu Mifsud u Triq Dun Ġużepp Tanti. F'din l-akwata meta tagħmel ix-xitwa qed joqgħod ħafna ilma u għalhekk hemm bżonn titnaddaf waħda sew, jekk hemm bżonn anke billi tinġieb *bobcat*. L-istima għal dan ix-xogħol hija ta' EUR 390 plus VAT. Din hija xi ħaġa li trid issir urġenti u l-kunsill unanimament approva l-istima għal dan ix-xogħol.

19.8.5 Is-Sur Zahra nforma lis-Sindku kif fil-ġnien Ċentru Rikreattiv huwa għandu rapport li qed ikun hemm ammont kbir ta' siringi, hemm bżonn isir l-żbir ta' xi ħaxix u f'ċertu akwati tal-ġnien hemm ħafna dlam li qed iġib miegħu biss ħafna mġiba kriminali u negattiva. Is-Sur Dalli qal kif dwar l-ilment tas-siringi l-pulizija huma diġa nfurmati biex issir ronda frekwenti, dwar il-ħaxix diġa sar żbir u ser jerġa jsir għaliex huwa qiegħed fi kuntatt frekwenti mal-ġardinar u dwar id-dlam, il-kunsill fis-seduta li għaddiet approva li jsir dawl ġdid f'fondi mir-Reġjun u jiġi nstallat bl-għajnuna tal-ħaddiema, Frankie u Marco.

19.8.6 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaqt *update* dwar Vjal it-Trasfigurazzjoni u meta ser isiru u jidjieqway l-bankini ta' din it-Triq, mit-Torri l-isfel. Is-Sindku qal kif huwa kiteb lil TM u IM u qed jistenna risposta mingħandhom.

19.8.7 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia talab ukoll biex issa li l-kunsill għandu kuntrattur tal-*patching* u l-bankini, ssir parti minn bankina fi Triq A.Preca li hija daqsxejn diżastruża. Is-Sindku jaf biha din l-bankina u ser jieħu ħsiebha.

19.8.8 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm.

19.8.9 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 26 ta’ Ottubru 2020 u kien hemm qbil b’mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 26 ta’ Ottubru 2020.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv